MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tad-19 ta' Ġunju, 2024

Appell Inferjuri Numru 94/2023 LM

**Detlef Siegfried Scholz (Passaport Ġermaniż numru C4XY5GY NG) hekk kif rappreżentat lokalment għall-finijiet tal-preżenti proċeduri mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Dottor Jonathan de Maria (ID: 367569M), liema mandat speċjali huwa limitatament għall-finijiet tal-preżenti proċedura**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Crystal River Cruises Manning Limited (C 74271)**
*('is-soċjetà appellata')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Detlef Siegfried Scholz (Passaport Ġermaniż numru C4XY5GY NG) hekk kif rappreżentat lokalment mill-mandatarju speċjali tiegħu l-Avukat Dottor Jonathan de Maria (ID: 367569M), liema mandat speċjali huwa limitatament għall-finijiet tal-preżenti**

**proċedura** [minn issa ʼl quddiem ʻl-appellantʼ], mid-deċiżjoni mogħtija mit-Tribunal Industrijali [minn issa ʼl quddiem ʻit-Tribunalʼ], fil-25 taʼ Settembru, 2023 [hawnhekk ʻid-deċiżjoni appellataʼ], fil-proċeduri li huwa istitwixxa kontra s-soċjetà intimata **Crystal River Cruises Manning Limited (C 74271)** [hawnhekk ʻis-soċjetà appellataʼ], fejn it-Tribunal iddeċieda illi:

> *"Għaldaqstant, it-Tribunal filwaqt li qiegħed jiddikjara ruħhu inkompetenti sabiex jisma' u jiddeċiedi din it-talba u salv għad-digriet mogħti in camera ai termini tal-Artikolu 741 sub-artikoli (b) u (d) tal-Kap. 12 li qiegħed jingħata kontestwalment, qiegħed jastjeni milli jieħu konjizzjoni ulterjuri tal-istess talba.*
>
> *Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali skont kif ikun deċiż mill-Qorti riċeventi."*

**<u>Fatti</u>**

2. Permezz tar-rikors tiegħu quddiem it-Tribunal, ir-rikorrent spjega li huwa kien jaħdem mas-soċjetà intimata *ai termini* taʼ kuntratt datat 25 taʼ Jannar, 2017, fil-pożizzjoni taʼ *Destination Manager,* u fʼdan ir-rwol huwa kien responsabbli mill-attivitajiet kollha fuq l-art tal-mistednin, kif ukoll kien jorganizza l-imbark u l-iżbark u t-trasferimenti tal-mistednin abbord ir-*river yachts* tas-soċjetà intimata. Spjega li s-soċjetà intimata bdiet toffri *river cruises* bʼeffett minn Lulju 2016, l-ewwel permezz taʼ *river yacht* bl-isem **Crystal Mozart**, u wara permezz taʼ żewġ *river yachts* oħra, **Crystal Bach** u **Crystal Mahler**. Spjega li fis-sena 2017, huwa beda jaħdem bħala *Destination Manager* fuq ir-*river yacht* Crystal Mahler, u fl-2018 minkejja li ġew inawgurati iż-żewġ *river yachts* Crystal Debussy u Crystal Ravel, huwa baqaʼ jaħdem fuq il-Crystal Mahler bħala *Destination Manager,* filwaqt li fl-2019 huwa ħadem fuq il-Crystal Mozart bħala *Destination Manager.* Qal li din hija kariga ewlenija fuq *river yacht,*

li kienet direttament taħt dik ta' *Hotel Director* fil-*Hotel Department*. Qal li fis-sena 2018 huwa ħadem ukoll bħala *Hotel Manager* fuq il-Crystal Debussy u fuq il-Crystal Ravel, sabiex il-*Hotel Director* ta' dawn iż-żewġ *river yachts* setgħu jieħdu l-*vacation leave* tagħhom. Ir-rikorrent qal li fl-10 ta' Frar, 2020 huwa ġie infurmat mis-superjur tiegħu permezz ta' *email* li l-impjieg tiegħu mas-soċjetà intimata kien ġie tterminat, u li kien ser jitħallas sa April tal-istess sena. Ir-raġuni li ngħata r-rikorrent għat-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, kienet li l-vapur kien ser ikun *in lay up,* u għalhekk ma kienx ser ikun qiegħed jintuża għall-istaġun tal-2020. Ir-rikorrent qal li sadanittant huwa sar jaf li s-soċjetà intimata impjegat lil ċertu Daniel Steyn fl-istess kariga li kellu hu, u dan l-individwu kien diġà jaħdem mas-soċjetà intimata, iżda kien telaq mill-impjieg f'Diċembru tal-2018. Qal li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg fix-xahar ta' Frar 2020 fissret li huwa ma setax isib impjieg fl-istess industrija jew f'kariga ekwivalenti mas-soċjetà intimata, u dan għaliex l-istaġun tar-*river cruises* jibda f'Marzu ta' kull sena, u għalhekk dawn il-vakanzi jkunu diġà mtlew. Qal li r-rimunerazzjoni minima komplessiva garantita lilu kienet ta' erbat elef Euro (€4,000) fix-xahar, u żied jgħid li tul l-impjieg tiegħu huwa dejjem ħadem b'mod eżemplari. Qal li din kienet tkeċċija inġusta, u li lilu kkawżatlu danni konsiderevoli għaliex huwa ma ngħata l-ebda raġuni għat-tkeċċija, u għalhekk din kienet tkeċċija inġusta u mingħajr bażi fil-liġi. Qal li huwa dejjem mexa mar-regoli u mal-istruzzjonijiet li kienu jtuh is-superjuri tiegħu. Qal ukoll li r-raġuni mogħtija għat-terminazzjoni mill-impjieg hija diskriminatorja u ma tinkwadrax ruħha fil-parametri tal-liġi bħala ġustifikazzjoni għat-tkeċċija mill-impjieg, aktar u aktar tenut kont tal-fatt li s-soċjetà intimata topera numru ta' *river yachts* u bastimenti oħra, u minfloku din impjegat lil xi ħaddieħor. Qal ukoll li huwa qatt ma ngħata xi forma ta' twissija verbali jew bil-miktub, anzi s-

superjuri tiegħu dejjem kienu jfaħħruh. Ir-rikorrent qal li din it-tkeċċija huwa ħadha bi kbira, u l-effetti tagħha għadhom jinħassu minnu sallum.

3. Is-soċjetà intimata wieġbet li l-kwistjoni odjerna ma taqax taħt il-kompetenza tat-Tribunal. Spjegat li r-rikorrent ġie ingaġġat bħala baħri fuq bastiment kummerċjali rreġistrat taħt bandiera Maltija, *ai termini* tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta, u permezz tal-artikolu 39 tal-Kap. 452, il-leġislatur ried li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 36 tal-Kap. 452 m'għandhomx japplikaw għal baħrin fuq bastiment. Qalet li r-rikorrent ġie ingaġġat bħala baħri fuq bastiment li jbaħħar barra minn xtutna, u għalhekk id-disposizzjonijiet tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta rigward it-terminazzjoni tal-impjieg, huma esklużi mill-kompetenza tat-Tribunal. Fil-mertu, is-soċjetà intimata qalet li t-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

## <u>Id-Deċiżjoni Appellata</u>

4. Permezz tad-deċiżjoni mogħtija fil-25 ta' Settembru, 2023, it-Tribunal iddeċieda li huwa m'għandux il-kompetenza meħtieġa sabiex jisma' l-ilment tar-rikorrent, u dan wara li għamel is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> ***"Sinteżi tal-Fatti fil-Qosor***
>
> *Illi r-rikorrent kien impjegat mas-soċjetà intimata permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Jannar, 2017 (fn. 5 a fol. 11 et seq tal-proċess) bħala Destination Manager, fejn kien responsabbli għall-attivitajiet kollha fuq l-art, tal-mistednin tad-dgħajsa u kien jorganizza l-imbark, l-iżbark u t-trasferimenti tal-mistednin. Fis-sena 2017 kien ħadem prinċipalment fuq ir-river yacht Crystal Mahler, u dan anke fis-sena 2018, għalkemm kienu tnedew żewġ river yachts oħra. Fis-sena 2019, ir-rikorrent ħadem fuq il-Crystal Mozart fl-istess kariga u ċioe ta' Destination Manager, liema kariga kienet waħda ewlenija fuq tali river yacht, li kienet direttament taħt dik ta' Hotel Director fil-Hotel Department. Fis-sena 2018, ir-rikorrent ħadem ukoll bħala Hotel Manager fuq il-*

*Crystal Debussy u fuq il-Crystal Ravel sabiex jippermetti li l-Hotel Directors ta' dawn iż-żewġ river yachts jieħdu l-vacation leave tagħhom. Fl-10 ta' Frar, 2020, ir-rikorrent kien ġie informat mill-Assistant General Manager permezz ta' email li l-impjieg tiegħu kien ġie tterminat u li kien ser jitħallas sa April, 2020. Ir-raġuni li kien ingħata kienet li l-bastiment Crystal Mozart kien ser ikun "in lay-up" għall-intier tal-istaġun tas-sena 2020. Sadanittant, ir-rikorrent sar jaf li s-soċjetà intimata kienet impjegat lil ċertu Daniel Steyn fl-istess kariga li kellu huwa. Għalhekk huwa talab li jiġi dikjarat li tkeċċa b'mod inġust mis-soċjetà intimata, jerġa' jiddaħħal fl-impjieg mas-soċjetà intimata u jiġi likwidat kumpens finanzjarju xieraq sabiex jagħmel tajjeb għall-istess tkeċċija u għad-danni konsegwenzjali u spejjeż sofferti mir-rikorrent.*

*Is-soċjetà intimata eċċepiet in linea preliminari li l-każ odjern ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal, u dan għaliex ir-rikorrent kien ingaġġat bħala baħri fuq bastiment kummerċjali rreġistrat taħt il-bandiera Maltija ai termini tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta. Għaldaqstant il-provvedimenti tal-Kap. 452 rigwardanti t-terminazzjoni tal-impjieg li fuqhom ibbaża l-ilment tiegħu r-rikorrent huma esklużi permezz tal-artikoli 39 tal-Kap. 452.*

## *3 Xhieda fil-Qosor*

*Ra l-affidavit ta' **Detlef Siegfried** (fn. 6 a fol. 95 et seq tal-proċess) fejn spjega li kien impjegat mal-kumpannija Crystal River Cruises Manning Limited (Crystal River Cruises) u dan wara li kien impjegat mal-istess kumpannija permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Jannar, 2017 fil-pożizzjoni ta' Destination Manager Crystal River. Kompla jispjega li huwa ma kienx impjegat bħala baħri. Bħala Destination Manager huwa kien responsabbli għal shore-side activities tal-mistednin, u għall-organizzazzjoni tal-embarkation and disembarkation and transfer of guests. Qal li l-pożżzjoni tiegħu llum tissejjaħ tour staff – li hu differenti ħafna minn dak ta' nautical and technical staff because staff refers to sailors who actually operate the vessel during its voyage.*

*Spjega li d-deskrizzjoni tax-xogħol tiegħu kienet is-segwenti:*

- Full responsibility for all aspects of the entire Shore Excursion operation and to oversee the daily dispatching of tours as well as controlling of all costs.
- Oversee the daily dispatching of tours as well as controlling of all costs.
- Participate in many excursions to monitor the quality and to report any issues to Destination Area Manager.
- When not participating in the excursion to be present at the gangway upon the return of the group in order to ensure complete re-boarding and to collect immediate feedback.

- Fill in Daily ShoreEX Report with special mention of guests' comments, feedback and suggestions as well as to maintain proper participants count and to monitor departure times and duration of activities.
- Manage, oversee and assist with recommending and selling Shore side activities to Guests and making the most of their shoreside experience.
- Plan, coordinate and execute some formalities for customs and immigration for Guests and Crew and to ensure that all documentation is in order so that the ship can be cleared immediately upon arrival.
- Promote Crystal Cruises' fleet and its future itineraries, in a positive, exciting way and to use different sales tools in order to motivate Guests to book another cruise while on board.
- Ensure that a sic-star service is provided at all times and to deal with Guests' complaints and comments in an efficient and timely manner.
- Overlook the Health & Fitness program in conjunction with the Health & Fitness Supervisor.
- Do additional duties in other departments such as, but not limited to gangway duties, storage, luggage duty, etc.
- Other responsabilities, as assigned, but not limited to the above.

*Huwa għamel ukoll referenza għal* Merchant Shipping Notice 105 Rev 1 *maħruġa minn Transport Malta (fn. 7 a fol. 107 et seq tal-proċess) bl-isem ta' "*Guidelines for the Implementation of the Maritime Labour Convention", 2006, *fejn baħri ifisser "*any person who is employed or engaged or works in any capacity on board a ship, but excluding persons providing non-scheduled or ancillary services to a ship to assist in its maritime voyage ...".

*Ir-rikorrent ippreżenta u spjega wkoll x'kienet id-deskrizzjoni tax-xogħol tiegħu, il-kwalifiċi u l-esperjenza għall-pożizzjoni ta' Destination Manager Crystal River. (Fn. 8 a fol. 105 et seq tal-proċess)*

*Kompla jispjega li r-rotazzjoni tax-xogħol kienet disa' (9) ġimgħat fuq id-dgħajsa u erba' (4) ġimgħat vaganza. Qal li dan kien ifisser li għall-kuntrarju bħal fil-każ ta' baħrin, huwa ma kienx impjegat li jagħmel vjaġġ jew vjaġġi speċifiċi. Huwa kien jagħmel il-funzjonijiet tax-xogħol ta' Destination Manager u kien jipprovdi servizzi ančillari lil mistiedna fuq id-dgħajsa.*

*Kompla jispjega li l-kumpannija Crystal Manning River Cruises Limited bdiet toffri river cruises b'effett minn Lulju tas-sena 2016, oriġinarjament bir-river yacht Crystal Mozart u sussegwentement b'żewġ river yachts oħra – Crystal Bach u Crystal Mahler, wara li dawn iż-żewġ dgħajjes ġew inawgurati fis-sena 2017. Fis-sena 2017 huwa*

*ħadem fuq il-yacht Crystal Mahler. Enfasizza li dawn id-dgħajjes kienu jipprovdu vjaġġi ġewwa* inland rivers. *Matul is-sena 2018, għalkemm kien hemm żewġ dgħajjes oħra (li kienu Crystal Debussy u Crystal Ravel) huwa ħadem fuq id-dgħajsa Crystal Ravel u l-pożizzjoni tiegħu kienet ta' Destination Manager. Fis-sena 2019, huwa ħadem fuq il-Crystal Mozart fl-istess pożizzjoni ta' Destination Manager.*

*Qal li fl-10 ta' Frar, 2020, huwa kien infurmat mis-superjur tar-riżorsi umani, Mrs Torill Kristinasen, via email li l-impjieg tiegħu mal-kumpannija kien qed jiġi tterminat għar-raġuni li d-dgħajsa Crystal Mozart kienet ser tkun laid-up u għalhekk ma kinitx ser tintuża għall-istaġun tas-sena 2020. Ikkonferma li matul dak iż-żmien huwa ma kien qed jaħdem fuq l-ebda dgħajsa.*

*Kien sar jaf li wara li ġie tterminat l-impjieg tiegħu, Crystal River Cruises Manning Limited impjegat ċertu Mr Daniel Steyn fl-istess pożizzjoni li kellu huwa. Steyn kien impjegat mal-kumpannija Crystal River Cruises iżda, l-istess Steyn kien telaq minn mal-kumpannija circa Diċembru, 2018.*

*Fil-kontro-eżami (fn. 9 a fol. 205 et seq tal-proċess, datat 17 ta' Jannar, 2022), ir-rikorrent qal li rotazzjoni tfisser li huma kienu jaħdmu approssimament disa' (9) ġimgħat, u xi drabi kienu jkunu iqsar, u xi drabi itwal fuq id-dgħajsa. Fil-każ tiegħu bħala Destination Manager, kien ikun hemm rimpjazzament, u jintbagħtu lura d-dar għal madwar erba' (4) ġimgħat. Qal li meta kien ikun xogħol huwa kien jorqod fuq id-dgħajsa, fil-kabina. Ikkonferma li fil-job description huwa kien intitolat li jagħmel użu minn ċerti benefiċċji waqt li kien ikun fuq id-dgħajsa bħal,* crew mess, free crew laundry, crew sundeck *u* crew gym. *Waqt li kien ikun xogħol huwa kien ikun fuq id-dgħajsa. B'referenza għad-dokument maħruġ minn Transport Malta huwa rrileva li annettieh mal-affidavit tiegħu għaliex jagħmel referenza għal baħrin u dgħajjes li jkunu fuq il-baħar. Huwa qal li d-dgħajsa li kien qed jaħdem fuqha ma kinitx tkun fuq il-baħar iżda fuq* river *u* inland *u li huwa ma kienx baħri. Ikkonferma li d-dgħajsa kellha l-bandiera ta' Malta.*

*In ri-eżami (fn. 10 ibid), huwa qal li qatt ma għamel il-funzjonijiet stabbiliti fid-dokument imsemmi. Ix-xogħol tiegħu kien li għal kull* excursion *li kull persuna tmur waqt il-*cruise, *huwa kien jorganizzaha u jmur magħha, u dan f'pajjiżi differenti.*

*In kontro-eżami ulterjuri (fn. 11 ibid.) reġa' kkonferma li wara l-excursions kien imur lura fuq id-dgħajsa u li n-nies li jkunu bbukkjaw il-cruise kienu jibbukkjaw l-excursions.*

## *4 Trattazzjoni tal-Partijiet*

*Ra t-trattazzjoni tas-soċjetà intimata (fn. 12 a fol. 208 tal-proċess, datata 17 ta' Jannar, 2022) fejn qalet li huma ressqu eċċezzjoni preliminari, li dan it-Tribunal*

*m'għandux ġurisdizzjoni jisma' dawn it-tip ta' kawżi rigward terminazzjoni ta' impjieg ta' baħħara li jkunu impjegati fuq* Malta-flagged vessel. *L-artikolu 36 tal-Kap. 452, huwa l-Artikolu li jirregola t-tkeċċija kemm f'każ ta' redundancy, kemm f'good and sufficient cause, jekk hemm raġuni tajba jew le, huma kollha esklużi fil-konfront ta' baħħara. L-artikolu 39 huwa ċar, m'hemmx dubju li l-leġislatur ried li jeskludi dak l-Artikolu fil-konfront ta' baħħara li huma impjegati fuq il-bastimenti reġistrati ġewwa Malta. Dan mhux għaliex m'għandhomx rimedju, imma għaliex hemm liġijiet speċjali li huwa l-Kap. 234, il-Merchant Shipping Act – u ħafna liġijiet sussidjarji regolati taħt l-Att li jirregolaw kemm il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-baħħara impjegati fuq bastimenti Maltin, kif ukoll regoli li japplikaw f'każ ta' terminazzjoni. Kompla jissottometti li hemm frameworks totalment differenti u l-leġislatur għamilha ċara illi waħda tapplika mod u oħra tapplika ieħor. F'każ ta' baħħara m'hemmx għalfejn wieħed jirreferi għall-Artikoli illi jirregolaw it-terminazzjoni tal-impjieg ta' baħri li japplikaw għal kawżi normali. Kompliet tissottometti li imbagħad hemm liġijiet sussidjarji li jirregolaw id-drittijiet bħal* vacation leave. *Hemm ukoll klawsoli speċifiċi li jirregolaw it-terminazzjoni bħal meta bastiment jinbiegħ, ikun hemm it-terminazzjoni tal-impjieg. Il-Kap. 452 jitkellem fuq il-collective redundancies, il-kunċett illum ġie aċċettat fil-konfront ta' baħħara, iżda f'dan il-każ trid tmur għand is-Shipping Directorate ġewwa Transport Malta u mhux id-Dipartiment tal-Impjiegi. Dan għaliex fil-liġijiet dwar il-baħħara, is-Shipping Directorate jista' jieħu ċerti deċiżjonijiet fil-konfront tal-baħħara u jordna lill-prinċipal jieħu azzjonijiet jew inkella r-rimedju huwa li wieħed imur quddiem il-Qrati għaliex hemmhekk għandek il-kuntratt bejn is-Ship Owner u l-baħri. F'każ ta' tkeċċija li wieħed irid jikkontesta jew jekk wieħed irid jikkontesta xi kundizzjonijiet tax-xogħol, tmur quddiem il-Qorti u mhux quddiem it-Tribunal għaliex hemm il-liġijiet speċjali.*

*Fir-rigward tas-Shipping Notice irrileva li dik tapplika biss għal dawk il-bastimenti li huma taħt il-bandiera Maltija u li huma sea going, u allura jaqgħu taħt the Maritime Labour Convention, li hija konvenzjoni internazzjonali, u hemm liġi sussidjarja li timplimenta l-*Maritime Labour Convention Rules, *però dawk ir-regolamenti japplikaw għal* seafarers. *Kompliet tissottometti illi fil-każ odjern, ir-rikorrent ma jinkwadrax taħt id-definizzjoni ta'* seafarers*, apparti li mhix sitwazzjoni ta'* sea going vessel, *iżda hija sitwazzjoni ta' bastiment taħt il-bandiera Maltija li hija* river cruise. *Dan huwa każ differenti fejn irid jiġi applikat il-Kap. 234, li jagħmel definizzjoni bejn baħri u kaptan.*

*Kompliet tittratta li l-kuntratt ta' xogħol jidher ċar u tond illi l-Awtorità kompetenti hija s-*Shipping Registrar *ta' Malta u tinkludi wkoll klawżola rigward it-terminazzjoni tal-impjieg li tirrifletti l-provvedimenti li hemm fil-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta,*

*jiġifieri l-intendiment minn dejjem kien ċar illi dan l-impjegat huwa impjegat bħala baħri ai termini tal-Kap. 234. Barra minn hekk hemm klawsola oħra li tgħid li l-partijiet qed jaċċettaw il-ġurisdizzjoni esklussiva tal-Qrati u ma jsemmux ġurisdizzjoni alternattiva.*

*Kompliet tissottometti illi għalkemm ir-rikorrent baqa' jisħaq illi dan huwa każ ta' diskriminazzjoni, kif ukoll ta' tkeċċija inġusta, huwa ma jaqbilx u dan għaliex it-talbiet jirrigwardaw biss tkeċċija inġusta. Dan apparti l-fatt li l-provvedimenti tal-Kap. 234 jibqgħu jipprevalu, u anke kieku l-kwistjoni kienet ta' diskriminazzjoni, il-Qrati għandhom il-kompetenza. Il-Kap. 452 jgħidlek meta t-Tribunal għandu ġusridizzjoni esklussiva li huma meta l-kawżi jaqgħu taħt it-taqsimiet fejn hemm speċifikament li t-Tribunal għandu l-ġurisdizzjoni, u t-Tribunal m'għandux ġurisdizzjoni fil-kawża odjerna.*

*Ra t-trattazzjoni tar-rikorrent (fn. 13 a fol. 209 et seq tal-proċess, datata 17 ta' Jannar, 2023) li ssottometta li fir-rigward tal-kwistjoni tad-diskriminazzjoni, issir referenza għad-digriet datat 23 ta' Awwissu, 2021, mogħti minn Tribunal diversament presjedut, u tratta illi din ġiet sorvolata u li l-kawża odjerna tirrigwardja diskriminazzjoni wkoll. Għamel referenza għal sentenza deċiża mill-Qorti tal-Appell bin-numru 41/2011 fejn irriżulta ċar li t-Tribunal jista' indipendentement minn, jekk hux qed jittratta dwar tkeċċija inġusta, jara u jqis id-diskriminazzjoni li wasslet għal din it-tkeċċija jew qiegħda fl-ambitu ta' dik it-tkeċċija u t-Tribunal jista' jagħti rimedju.*

*Kompla jittratta illi n-*Notice *li ppreżenta jirreferi għall-Maritime Labour Convention u hemm definizzjoni ta' seafarers. Għamel referenza għall-artikolu 39 tal-Kap. 452 li jgħidlek li d-disposizzjonijiet tal-artikolu 36 m'għandhomx jgħoddu għall-baħrin impjegati fuq bastimenti skont id-disposizzjonijet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili. Għalhekk il-liġi stess qed toħloq il-possibilità li jistgħu jkunu baħrin u ħaddieħor impjegat fuq bastiment. L-ewwel wieħed irid jara x'inhu bastiment. Fil-każ odjern, ir-river vessels żgur huma iktar minn tlettax-il metru. Ġie ppreżentat id-dokument għall-interpretazzjoni tal-artikolu 30 fuq baħrin impjegati fuq bastiment u t-Tribunal ikollu tifsira ċara ta' x'inhuma baħrin. B'referenza għal dak li qal il-kontro-parti "Kaptan u Engineer huma nies tradizzjonalment magħrufa bħala baħrin illi huma neċessarji biex il-bastiment jimxi. Staqsa jekk huwiex neċessarju li jkun hemm ir-rikorrent biex il-bastiment jibqa' jissokta fil-vjaġġ. Din hija d-distinzjoni li t-Tribunal għandu jagħmel meta jiġi biex jgħarbel il-każ, illi mhuwiex baħri fil-veru sens tal-kelma jew bniedem impjegat mas-soċjetà intimata, però mhux fil-kwalità ta' baħri. Huwa jsostni li l-provvedimenti mhux biss ta' diskriminazzjoni imma anke ta' tkeċċija inġusta japplikaw f'dan il-każ.*

## *5 Kunsiderazzjonijiet*

*Ikkunsidra illi s-soċjetà intimata eċċepiet eċċezzjoni preliminari u ċioe li l-każ odjern ma jaqax taħt il-ġurisdizzjoni ta' dan it-Tribunal, li tinstab stabbilita f'Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta u dan għaliex ir-rikorrent kien ingaġġat bħala baħri fuq bastiment kummerċjali tas-soċjetà intimata rreġistrat taħt il-bandiera Maltija ossia ai termini tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta, u għaldaqstant in linea mal-Artikolu 39 tal-Kap. 452 m'għandux il-kompetenza li jisma' u jiddeċiedi l-każ odjern.*

*Ir-rikorrent isostni illi huwa kien ingaġġat mas-soċjetà intimata imma bħala impjegat u mhux bħala baħri.*

*L-artikolu 75 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:*

(1) Minkejja kull ma jinsab f'kull liġi oħra, it-Tribunal Industrijali jkollu l-ġurisdizzjoni esklużiva li jikkunsidra u jiddeċiedi –

(a) Il-każijiet kollha fejn jiġi allegat li saret tkeċċija inġusta;
(b) It-talbiet kollha magħmula skont is-subartikoli (11) u (12) tal-artikolu 36 tal-Att, għall-ammonti li jistgħu jiġu dovuti lill-ħaddiem jew prinċipal wara temm ta' kuntratt ta' servizz għal perijodu ta' żmien fiss qabel id-data ta' tmiem it-terminu definittivament speċifikat fil-kuntratt; u
(c) Il-każijiet kollha li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tat-Tribunal Industrijali bis-saħħa tat-Titolu I ta' dan l-Att jew ta' regolamenti preskritti taħtu,

għal kull għan barra minn proċeduri dwar reati kontra xi liġi, u r-rimedju ta' ħaddiem hekk imkeċċi jew li mod ieħor jallega il-ksur tad-dritt tiegħu skont it-Titolu I ta' dan l-Att ikun biss billi l-ilment tiegħu jintbagħat lit-Tribunal Industrijali u mhux xort'oħra:

...

*L-artikolu 39 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta jipprovdi s-segwenti:*

Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 ma għandhomx jgħoddu għall-baħrin impjegati fuq bastimenti skont xi disposizzjoni tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili; u fil-każ li xi disposizzjoni tal-imsemmi Att ma jkunux jaqblu mad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, għandhom jgħoddu dawk tal-imsemmi Att.

*Il-Qorti tal-Appell, fl-ismijiet* ***Albert Gyorgy vs Crystal River Cruises Manning Ltd*** *(fn. 14 Appell Inferjuri Numru: 21/2021LM, sentenza datata 15 ta' Settembru, 2021), irriteniet is-segwenti:*

15. Il-Qorti tqis li s-soċjetà appellanta għandha raġun fil-mod kif qed tgħid li għandu jiġi interpretat l-artikolu 39 tal-Kap. 452, li jipprovdi bl-aktar mod ċar li,

"[i]d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 36 ma għandhomx jgħoddu għall-baħrin impjegati fuq bastimenti skont id-disposizzjonijiet tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili ...".

Ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacit. Dak li l-leġislatur irid iseħħ, jesprimih bl-aktar mod ċar fid-disposizzjonijiet tal-liġi, u għalhekk ladarba l-liġi espressament tgħid li l-membri kollha tal-ekwipaġġ, meqjusa li huma 'baħrin' għandhom ikunu regolati mid-disposizzjonijiet tal-Kap. 234, mhuwiex il-każ li persuna li tokkupa il-grad ta' chief engineer fil-ġerarkija tal-bastiment għandha titqies bl-istess mod bħal kaptan, bdot jew apprentist. Lil dawn il-kategoriji ta' ħaddiema fuq vapur jew bastiment, il-leġislatur eskludihom b'mod espress u ddikjara li jaqgħu taħt ir-regolament tal-Kap. 452. Imma mhux hekk għal kull membru ieħor tal-ekwipaġġ, irrispettivament mill-grad u mill-kategorija li jaqa' fiha. Għalhekk il-Qorti qiegħda tilqa' l-ewwel aggravju tas-soċjetà appellanta li t-Tribunal Industrijali m'għandux ġurisdizzjoni jisma' din il-kwistjoni ta' 'tkeċċija inġusta' mill-impjieg ta' chief engineer fuq bastiment, għaliex il-liġi Maltija hija ċara f'dan ir-rigward. Il-Qorti tirritjeni illi li kieku l-leġislatur ried li ċerti karigi fil-bastiment ikunu jaqgħu taħt l-esklużjoni kontemplata, huwa kien jgħid dan espressament, għaliex wara kollox il-kariga ta' chief engineer hija kariga magħsuba fil-liġi marittima internazzjonali, bħalma hija l-kariga ta' kaptan u ta' pilota.

*Illi t-Tribunal għalhekk l-ewwel irid jiddeċiedi jekk ir-rikorrent kienx ingaġġat bħala baħri jew le.*

*L-artikolu 2 tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta jistipula x'inhu "baħri" u ċioe s-segwenti:*

Tinkudi kull persuna (barra minn kaptani, bdoti u apprentisti) impjegati jew imqabbdin fi kwalunkwe kariga abbord ta' bastiment.

*Ir-rikorrent argumenta li huwa ma kienx impjegat bħala baħri u dan għaliex huwa kien impjegat mas-soċjetà intimata Crystal River Cruises Manning permezz ta' kuntratt tax-xogħol datat 25 ta' Jannar, 2017 fil-pożizzjoni ta' Destination Manager Crystal River. Huwa tenna li ma kienx impjegat bħala* seaman. *Spjega li fil-pożizzjoni ta' Destination Manager huwa kien responsabbli għal shoreside activities tan-nies abbord kif ukoll għall-organizzazzjoni tal-embarkation u disembarkation u trasferiment tan-nies. Kompla jgħid li l-pożizzjoni tiegħu llum tissejjaħ tour staff u hija maqsuma f'nautical u hotel. Qal li din il-kariga hija differenti minn dik ta' nautical u technical staff u dan għaliex nautical staff jirreferi għal baħrin li joperaw il-bastiment waqt il-vjaġġ. (fn. 15 vide affidavit a fol. 95 et seq tal-proċess)*

*Jirriżulta li l-kuntratt tax-xogħol datat 25 ta' Jannar, 2017, ta' bejn ir-rikorrent u s-soċjetà intimata (fn. 16 a fol. 11 et seq a fol. 134 et seq tal-proċess rispettivament)*

*kien wieħed staġonali, u li r-rikorrent kien impjegat fuq il-bastiment Crystal River Cruises bħala Destination Manager, bis-salarju ta' erbat elef (€4,000) fix-xahar, bis-sistema* nine (9) weeks on/four (4) weeks off.

*Jirriżulta wkoll illi r-rikorrent kien joqgħod fuq il-bastiment fil-kabina provduta lilu u kien juża wkoll il-benefiċċji offruti, waqt li kien ikun xogħol fuq il-bastiment.*

*Illi r-rikorrent argumenta li l-*Guidelines for the Implementation of the Maritime Labour Convention, 2006 *jiddefinixxu* seafarer *bħala s-segwenti:*

> Means any person who is employed or engages or works in any capacity on board a ship, but excluding persons non-scheduled or ancillary services to a ship to assist it in its maritime voyage such as, inter alia, shore based engineers, bunker crew, pilots, members of the Armed Forces of Malta, or a member of the Civil Protection Department of Malta ...
>
> The Directorate considers that the following persons are not seafarers for the purpose of application of the MLC:
>
> 1. Port workers, including travelling stevedores;
> 2. Pilots and port officials;
> 3. Ship surveyors and auditors;
> 4. Superintendents;
> 5. Armed Personnel (engaged on short voyages);
> 6. Scientists, Researchers, Fitters and Divers;
> 7. Equipment repair/service technicians and riding crew whose principal place of employment is onshore;
> 8. Guest entertainers who work occasionally and short term onboard with their principal place of employment. *(fn. 17 a fol. 107 tal-proċess)*

*Illi anke li kieku dawn il-linji gwida kienu japplikaw fil-konfront tar-rikorrent, ma jirriżultax li huwa jikkwalifika taħt xi kategorija hawn fuq ċitata.*

*Isegwi li in oltre, u li kieku r-rikorrent kien jaqa' taħt xi kategorija hawn fuq ċitata, l-istess linji gwida jkomplu jgħidu s-segwenti:*

> If the shipowner deems that there is any other category of persons who should not be considered as seafarers for the purposes of the MLC, an application containing the following informations should be submitted ...

*Ma jirriżultax illi ġie preżentat dokument li jgħid li l-kumpannija għamlet talba sabiex ir-rikorrent ma jkunx ikkunsidrat bħala* seafarer.

*Illi għalhekk it-Tribunal jilqa' l-eċċezzjoni preliminari u jiddikjara illi huwa mhuwiex kompetenti sabiex jisma' l-kawża odjerna.*

*Illi ġialdarba dan it-Tribunal qiegħed jiddikjara ruħhu inkompetenti minħabba l-konsiderazzjonijiet hawn fuq magħmula, it-Tribunal jagħmel referenza għall-Artikolu 742 tal-Kpaitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi s-segwenti:*

L-eċċezzjoni tal-inkompetenza tal-Qorti tista' tingħata –

(a) Meta l-kawża ma tkunx ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta;

(b) Meta, għalkemm ta' ġurisdizzjoni tal-qrati ta' Malta, il-kawża tinġieb quddiem qorti diversa minn dik li għandha tieħu konjizzjoni tagħha:

Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża:

Iżda wkoll jekk il-qorti, bord jew tribunal li lilhom ikunu ġew trasferiti l-atti tal-proċeduri jikkunsidraw li ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jieħdu konjizzjoni tal-kawża lilhom trasferita, il-qorti, bord jew tribunal għandhom, fi żmien għaxart ijiem minn meta jkunu rċevew l-atti tal-proċeduri jew minn meta jkun sar l-ewwel smigħ quddiemhom, jibagħtu l-atti tal-proċeduri lill-qorti tal-appell li hi kompetenti li tieħu konjizzjoni ta' appelli minn sentenzi tal-qorti, bord jew tribunal ieħor, liema qorti għandha, fi żmien tletin ġurnata u permezz ta' digriet in camera, tiddeċiedi liema qorti, bord jew tribunal ieħor għandhom jieħdu konjizzjoni tal-kawża; (fn. 18 sottolinear tat-Tribunal)

(ċ) Meta hu mogħti lill-konvenut il-benefiċċju li jiġi msejjaħ quddiem qorti partikolari.

(d) Kull referenza għal "qorti" fl-ewwel sentenza u fil-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu għandha titqies li tinkludi wkoll referenza għal Bord jew Tribunal imwaqqaf b'liġi, b'dan illi meta kawża tinbeda quddiem Bord jew Tribunal din tkun tista' wkoll tiġi trasferita għas-smigħ quddiem qorti skont d-disposizzjonijiet tal-paragrafu (b) ta' dan l-artikolu. Meta kawża tiġi trasferita skont il-paragrafu (b) il-Qorti, Bord jew Tribunal li quddiemhom tinstema' l-kawża jkunu jistgħu jagħtu dawk l-ordnijiet u provvedimenti kollha meħtieġa, soġġetti għal dawk it-termini u kondizzjonijiet kif jidhrilhom xieraq sabiex is-smigħ tal-kawża jkompli skont il-ħtiġijiet formali u proċesswali, inkluż dwar ħlas ta' spejjeż, li jkunu japplikaw quddiem dik il-Qorti, Bord jew Tribunal. *(fn. 19 Ibid.)*

*Illi għalkemm l-artikolu jagħti lil dan it-Tribunal l-istess fakultà li kellha Qorti sabiex tittrasmetti atti permezz ta' digriet in camera, huwa magħruf ukoll li deċiżjonijiet rigwardanti ġurisdizzjoni jew kompetenza trid issir fil-forma ta' sentenza. Stante li probabbilment għaliex il-kwistjoni għadha kemmxejn riċenti, diversi Qrati u Tribunal skont kif ikun presjedut użaw proċedura differenti. Hemm drabi fejn l-ordni tat-trasmissjoni ssir fil-parti deċiżorja, u drabi oħra fejn id-deċiżjoni kollha, inkluż tal-kompetenza, tiġi deċiża permezz ta' digriet biss.*

*Illi t-Tribunal jemmen li d-deċiżjoni dwar il-kompetenza o meno għandha tingħata permezz ta' sentenza, filwaqt li l-att ta' trasmissjoni jsir permezz ta' digriet. Huwa permezz ta' dak id-digriet li Qorti, Bord jew Tribunal jibgħat proċeduri lil Qorti, Bord jew Tribunal, skont ma jkun il-każ, li jidhirlu għandu l-kompetenza meħtieġa. (fn. 20 vide* ***Eagle K-Wear Company Limited et vs. Kummissarju tat-Taxxi****; Rik. Ġur. Nru: 84/2019GM; Prim'Awla, Qorti Ċivili, deċiża 22 ta' Settembru, 2020; vide* ***RX Construction Limited vs Jesmond Friggieri****; Rik. Nru. 231/2019, Qorti tal-Maġistrati; deċiża 11 ta' Jannar, 2021)."*

## <u>L-Appell</u>

6. Fir-rikors tal-appell imressaq mir-rikorrent fis-6 ta' Ottubru, 2023, huwa talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-25 ta' Settembru, 2023, u tiddeċiedi li t-Tribunal għandu kompetenza u għandu jissokta jisma' huwa stess l-ilment dwar diskriminazzjoni, u għandu jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa u jagħti d-debitu rimedju skont il-ġustizzja; u tordna li d-digriet mogħti *in camera ai termini* tal-artikolu 741 (b) u (d) tal-Kap. 12 kontestwalment mad-deċiżjoni appellata, jidħol fis-seħħ biss f'każ li jinstab li t-Tribunal Industrijali m'għandux ġurisdizzjoni jew kompetenza li jisma' l-każ huwa stess dwar l-ilment rigward diskriminazzjoni, u għandu jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa u jagħti d-debitu rimedju lill-appellant skont il-ġustizzja, jew inkella f'każ li jiġi deċiż li t-Tribunal għandu

kompetenza jisma' huwa stess il-każ dwar l-ilment dwar id-diskriminazzjoni, wara li tkun ingħatat id-debita deċiżjoni relattiva, u wara l-Qorti kompetenti tkun tista' tisma' l-każ dwar it-tkeċċija inġusta.

7. L-appellant qal li l-każ tiegħu kien wkoll dwar ilment relatat ma' diskriminazzjoni, u huwa t-Tribunal Industrijali li għandu jiddeċiedi dwar din il-parti tal-ilment. Qal li t-Tribunal iddeċieda l-każ abbażi tal-premessa li huwa m'għandux kompetenza jisma' l-ilment odjern in linea mal-artikolu 39 tal-Kap. 452, li l-appellant qal li hija premessa żbaljata għal kollox. Kompla jgħid li jekk wieħed iħares lejn l-artikolu 36 tal-Kap. 452, isib li m'hemm l-ebda riferiment għal rimedji disponibbli fir-rigward ta' atti ta' diskriminazzjoni, u l-provvedimenti relatati mal-protezzjoni kontra d-diskriminazzjoni relatata mal-impjieg huma kollha postulati fit-Taqsima IV tal-Kap. 452, jiġifieri fl-artikoli 26 *et seq* tal-Kap. 452. Qal li din hija kawża li tikkonċerna wkoll id-diskriminazzjoni u li dan huwa punt li ġie deċiż definittivament permezz tad-digriet tat-23 t'Awwissu, 2021. Qal li t-Tribunal għandu kompetenza sabiex jisma' dak l-ilment u jwettaq l-investigazzjoni li jqis xierqa abbażi tal-artikolu 30 tal-Kap. 452, u meta t-Tribunal naqas li japplika d-disposizzjonijiet tal-artikoli 26 *et seq.* tal-Att, dan kien qiegħed jonqos, għaliex dan kellu jordna li l-parti tal-ilment dwar diskriminazzjoni kellha tinstema' minnu, u kellu jwettaq dawk l-investigazzjonijiet li jqis xierqa, filwaqt li kellu jirriserva li jipprovdi dwar l-eċċezzjonijiet li l-istess Tribunal m'għandux il-kompetenza li jisma'. Qal li għalhekk għandu jiġi deċiż li t-Tribunal kien żbaljat meta ddikjara li mhux kompetenti biex jisma' u jiddeċiedi din it-talba.

8. Fit-tieni aggravju tiegħu, l-appellant jgħid li huwa ħassu aggravat bid-digriet mogħti *in camera ai termini* tal-artikolu 741 (b) u (d) tal-Kap. 12, li ngħata kontestwalment mas-sentenza tal-25 ta' Settembru, 2023. Qal li huwa jaqbel għal kollox mas-sustanza tal-imsemmi digriet fid-dawl tad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-25 ta' Settembru, 2023, iżda żied jgħid li deċiż b'dak id-digriet huwa prematur għaliex it-Tribunal kellu jissokta jisma' l-każ huwa stess dwar l-ilment tad-diskriminazzjoni, u kellu jwettaq l-investigazzjonijiet xierqa, u jekk sab li ma kellux kompetenza jiddeċiedi dwar l-ilment tad-diskriminazzjoni, kellu jwettaq l-investigazzjonijiet meħtieġa qabel l-għoti tad-digriet. Qal li tali digriet għalhekk kellu jingħata biss f'każ li l-Qorti ma tilqax l-appell tiegħu kif kontenut fl-ewwel aggravju tiegħu, jew f'każ li din il-Qorti tilqa' l-appell kif kontenut fl-ewwel aggravju tiegħu, wara li t-Tribunal Industrijali jaqta' u jiddeċiedi l-każ dwar l-ilment tad-diskriminazzjoni u kellu jwettaq l-investigazzjonijiet li jqis xierqa.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

9. Is-soċjetà appellata wieġbet li l-appellant kien ingaġġat bħala baħri fuq bastiment kummerċjali tagħha, liema bastiment huwa rreġistrat taħt il-bandiera Maltija, *ai termini* tal-Kap. 234 tal-Liġijiet ta' Malta. Qalet li t-terminu *'baħri'* tinkludi *'kull persuna (barra minn kaptani, bdoti u apprentisti) impjegati jew imqabbdin fi kwalunkwe kariga abbord ta' bastiment'* u *'bastiment'* hu kull biċċa tal-baħar li tintuża fin-navigazzjoni. Qalet li għalhekk bla dubju ta' xejn l-appellant jaqa' taħt id-definizzjoni ta' baħri hekk kif ipprovduta fil-Kap. 234, u l-bastiment li kien jaħdem fuqu l-appellant ukoll jaqa' taħt l-istess Kap. 234. Is-soċjetà appellata qalet li quddiem it-Tribunal Industrijali l-appellant allega li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta u bi ksur tad-disposizzjonijiet

tal-Kap. 452, senjatament l-artikolu 36 tal-Att. Qalet li l-appellant kien ingaġġat bħala baħri fuq bastiment kummerċjali li jbaħħar barra minn Malta, u għalhekk il-provvedimenti tal-Kap. 452 dwar it-terminazzjoni tal-impjieg li fuqhom ibbaża l-ilment tiegħu l-appellant huma esklużi permezz tal-artikolu 39 tal-Kap. 452. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk hija taqbel għal kollox mal-pożizzjoni li ħa t-Tribunal, li huwa m'għandux il-kompetenza meħtieġa sabiex jisma' u jiddeċiedi dwar il-każ odjern.

10. B'riferiment għall-ewwel aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li fir-rikors promotur tiegħu, huwa jagħmel riferiment għall-allegata diskriminazzjoni, wara li jgħid li t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu kienet inġusta, u jitlob li jiġi reintegrat fl-impjieg għaliex jallega li wara t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu, is-soċjetà appellata kienet impjegat lil xi ħaddieħor fl-istess rwol li kellu hu. Is-soċjetà appellata qalet li din il-materja hija regolata speċifikament bl-artikolu 36 tal-Kap. 452 li jittratta s-sensja u d-dritt ta' impjegat li jiġi *re-instated.* Qalet li l-artikolu 36 tal-Kap. 452 huwa espressament eskluż mill-artikolu 39, u għalhekk l-appellant ma jistax jagħmel tali talba skont l-artikolu 36 tal-Kap. 452. Is-soċjetà appellata qalet li għalhekk, f'każ li l-appellant ried jikkontesta t-terminazzjoni u/jew ippretenda li kellu jiġi reintegrat fl-impjieg tas-soċjetà appellata, din it-talba kellha issir skont il-Kap. 234, u għalhekk hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha l-kompetenza meħtieġa biex tittratta din il-lanjanza. Is-soċjetà appellata qalet li għalkemm ir-rikorrent isemmi l-kelma 'diskriminazzjoni' fir-rikors promutur tiegħu, wieħed irid iħares lejn it-talbiet fir-rikors promutur biex jifhem kif ġiet ippreżentata l-kawża.

11. Is-soċjetà appellata qalet li permezz tal-ewwel talba tiegħu, l-appellant talab lit-Tribunal jiddikjara li t-tkeċċija tiegħu mill-impjieg kienet waħda inġusta u bla bażi fil-liġi, u dan għaliex ma kien hemm ebda raġuni valida fil-liġi li tiġġustifika t-terminazzjoni tal-impjieg tiegħu. Qalet li permezz tat-tieni talba tiegħu, l-appellant talab li jerġa' jiddaħħal fl-impjieg li kellu, b'kundizzjonijiet mhux inqas favorevoli minn dawk li huwa kien intitolat għalihom li kieku l-kuntratt tal-impjieg tiegħu ma ġiex itterminat, filwaqt li permezz tat-tielet talba tiegħu, l-appellant talab lit-Tribunal jordna lis-soċjetà appellata tħallsu kumpens finanzjarju xieraq sabiex jagħmel tajjeb għat-tkeċċija u għad-danni konsegwenzjali u spejjeż sofferti minnu. Qalet li għalhekk fl-ewwel talba tiegħu l-appellant jirreferi biss għat-tkeċċija inġusta, u mkien ma jagħmel riferiment għal xi allegata diskriminazzjoni. Kompliet tgħid li lanqas fit-tieni talba, l-appellant ma jsemmi l-ebda diskriminazzjoni u lanqas ma jagħmel talba sabiex it-Tribunal jordna kumpens għall-allegata diskriminazzjoni jew biex it-Tribunal jirrimedja għall-allegata diskriminazzjoni. Qalet ukoll li t-tielet u l-aħħar talba tal-appellant ukoll ma jitkellmux fuq xi allegata diskriminazzjoni, u għalhekk ma jistax isir l-argument li l-appellant għamel xi talba separata għad-diskriminazzjoni quddiem it-Tribunal. Is-soċjetà appellata qalet li fir-rikors promutur tiegħu l-appellant imkien ma jagħmel riferiment għall-artikoli 26 u 30 tal-Kap. 452, u l-azzjoni tiegħu hija bbażata biss fuq l-allegazzjoni ta' tkeċċija inġusta, u ma saret l-ebda talba rigward diskriminazzjoni. Is-soċjetà appellata qalet li l-leġislatur għamel distinzjoni bejn 'baħrin' u impjegati oħra, u ried li dawn ikunu regolati b'mod differenti u minn qafas ta' liġi distint u separat. Qalet li ladarba l-appellant ġie ingaġġat bħala baħri fuq bastiment kummerċjali li

jbaħħar barra minn Malta, il-provvedimenti tal-Kap. 452 dwar it-terminazzjoni tal-impjieg ma japplikawx fil-każ odjern.

12. B'riferiment għat-tieni aggravju tal-appellant, is-soċjetà appellata qalet li hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha l-kompetenza biex tisma' l-każ odjern, u għalhekk id-digriet mogħti mit-Tribunal fil-25 ta' Settembru, 2023, għandu japplika *in toto* immedjatament.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

13. Din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji mressqa mill-appellant fir-rikors tal-appell tiegħu, u dan fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet magħmula mit-Tribunal Industrijali fis-sentenza appellata, u tas-sottomissjonijiet magħmula mis-soċjetà appellata.

*L-Ewwel Aggravju:* *[It-Tribunal għandu kompetenza jiddeċiedi dwar il-parti tal-ilment marbuta mad-diskriminazzjoni]*

14. L-appellant jgħid li it-talba tiegħu ma kienitx marbuta biss mal-kwistjoni tat-tkeċċija inġusta tiegħu mill-impjieg, imma t-Tribunal intalab jistħarreġ ukoll l-allegazzjoni tiegħu li huwa safa ddiskriminat fuq il-post tax-xogħol. Qal li t-Tribunal Industrijali għandu l-kompetenza meħtieġa sabiex jiddeċiedi dwar din il-parti tal-ilment tiegħu. In sostenn tal-pretensjoni tiegħu, l-appellant jiċċita l-artikoli 26 sa 30 tal-Kap. 452 tal-Liġijiet ta' Malta, u jgħid li huwa ġie ddiskriminat meta ġie ingaġġat terz minfloku wara li huwa tkeċċa mill-impjieg.

15. Il-Qorti tirrileva li l-unika istanza fejn l-appellant semma li huwa ġie ddiskriminat fuq il-post tax-xogħol, kienet f'parti mill-premessa 13 tar-rikors promutur tiegħu, fejn wara li spjega li huwa ma ngħata l-ebda raġuni valida għat-tkeċċija tiegħu, u għalhekk għandu jiġi deċiż li din it-tkeċċija hija inġusta u bla bażi fil-liġi, l-appellant qal ukoll li r-raġuni mogħtija lilu għat-terminazzjoni mill-impjieg hija diskriminatorja, speċjalment tenut kont tal-fatt li s-soċjetà appellata impjegat lil xi ħaddieħor fl-istess kariga li kien jokkupa hu. Jidher għalhekk li l-appellant semma d-diskriminazzjoni għaliex allegatament ġie ingaġġat mis-soċjetà appellata xi ħaddieħor minfloku, wara li huwa tkeċċa mill-impjieg. Imma fit-talbiet tiegħu fir-rikors promotur, l-appellant imkien ma talab lit-Tribunal jiddikjara u jiddeċiedi li huwa ġie ddiskriminat fuq il-post tax-xogħol, u għalhekk l-istħarriġ dwar jekk verament kienx hemm diskriminazzjoni għandu jsir mill-istess Qorti li ser tagħmel investigazzjoni dwar jekk it-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg kienitx ġusta jew le. L-appellant rabat l-allegazzjoni tiegħu li huwa ġie ddiskriminat mal-istħarriġ li jrid isir mill-Qorti jew mit-Tribunal dwar jekk huwa tkeċċiex mill-impjieg b'mod inġust. It-Tribunal kien korrett meta ddeċieda li fir-rigward ta' baħrin, hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha l-kompetenza tiddeċiedi dwar allegazzjonijiet ta' tkeċċija inġusta u mhux it-Tribunal. Il-kompetenza tat-Tribunal hija espressament eskluża fir-rigward ta' baħrin impjegati fuq bastimenti skont xi disposizzjoni tal-Att dwar il-Bastimenti Merkantili, kif jirriżulta li hija s-sitwazzjoni tal-appellant.

16. L-appellant imkien ma talab lit-Tribunal jistħarreġ u jinvestiga jekk huwa ġiex iddiskriminat fuq il-post tax-xogħol, u t-talba tiegħu tiċċentra biss madwar l-allegazzjoni li t-tkeċċija tiegħu kienet waħda inġusta. Għaldaqstant il-Qorti tqis li dan l-aggravju mhuwiex ġustifikat, u għandu jiġi miċħud, u hija l-Qorti

kompetenti sabiex tistħarreġ il-kwistjoni tat-tkeċċija tal-appellant mill-impjieg, li għandha wkoll il-kompetenza li tinvestiga għal liema raġuni huwa ġie mkeċċi, u jekk tali tkeċċija kienitx ġustifikata jew le. Il-fatt li kien hemm terz li ġie ppreferut minfloku sabiex allegatament jagħmel l-istess xogħol li kien jagħmel l-appellant qabel tkeċċa mill-impjieg, m'għandux awtomatikament iwassal għall-konklużjoni li kien hemm diskriminazzjoni mal-appellant. It-Tribunal iżda imkien ma ntalab jippronunzja ruħhu dwar l-allegazzjoni tad-diskriminazzjoni, u lanqas ma ntalab jinvestiga dan, iżda intalab jiddeċiedi biss dwar jekk it-tkeċċija tal-appellant mill-imjieg kienitx ġusta jew le. Għaldaqstant dan l-ewwel aggravju sejjer jiġi miċħud.

*It-Tieni Aggravju:* *[Id-digriet mogħti* in camera *kien intempestiv]*

17. L-appellant qal li d-digriet mogħti skont l-artikolu 741(b) u (d) tal-Kap. 12, u li ngħata kontestwalment mad-deċiżjoni tat-Tribunal tal-25 ta' Settembru, 2023, kien intempestiv u ma kellux jingħata flimkien mad-deċiżjoni li t-Tribunal mhuwiex kompetenti jisma' l-kwistjoni li tressqet quddiemu. L-appellant sostna li t-Tribunal kellu jissokta jisma' l-każ dwar l-allegazzjoni tad-diskriminazzjoni mressqa minnu, u għalhekk qal li t-Tribunal kellu l-ewwel jagħmel l-investigazzjonijiet xierqa b'rabta ma' dan, qabel jipproċedi biex jagħti d-digriet *in camera* li permezz tiegħu l-atti ntbagħtu quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili bħala l-qorti kompetenti.

18. Il-Qorti tosserva li l-konklużjoni tat-Tribunal rigward in-nuqqas ta' kompetenza tiegħu sabiex jisma' l-każ odjern, kienet waħda korretta, u għalhekk it-Tribunal kien korrett ukoll meta ta d-digriet *in camera* li permezz

tiegħu ddikjara li hija l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li għandha l-kompetenza tkompli tisma' dan il-każ, u sabiex l-atti jintbagħtu quddiemha. Hawnhekk il-Qorti tirrileva li digriet bħal dan mhuwiex appellabbli. Il-Qorti tagħraf illi ladarba m'hemm xejn x'jiġi ċċensurat fid-deċiżjoni tat-Tribunal li mhumiex kompetenti biex jisma' l-kwistjoni marbuta mat-tkeċċija mill-impjieg tal-appellant, it-Tribunal kien korrett fid-deċiżjoni tiegħu li jagħti d-digriet *in camera* li permezz tiegħu ordna li l-atti jintbagħtu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili. Il-liġi tippermetti li jsir dan hekk kif tiġi milqugħa l-eċċezzjoni tal-inkompetenza, u għalhekk ma kien hemm xejn li ma kienx f'loku fil-mod kif mexa bih it-Tribunal. Għaldaqstant anki dan it-tieni aggravju mhuwiex ġustifikat, u ser jiġi miċħud ukoll.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi dan l-appell billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma d-deċiżjoni tat-Tribunal tal-25 ta' Settembru, 2023 u d-digriet kamerali mogħti minnu fl-istess ġurnata, fl-intier tagħhom.**

**L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri fiż-żewġ istanzi, huma a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**